# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 19

3 ta' Settembru 2025

Id-dsatax (19)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 3 ta' Settembru 2025 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa tal-Kunsill infetħet b'minuta ta' silenzju iddedikata għas-Sur Anthony Piscopo li kien ħalla din id-dinja fil-ġranet li għaddew.

## MINUTI

### 19.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

19.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 19.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

19.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tmintax (18)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

19.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, JVP, NH, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota:** **14:09 Il-Kunsilliera SSH attendiet għal-laqgħa.**

**14:09 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa sabiex jilqa' l-intervent tal-accountant tal-Kunsill.**

**14:17 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

### 19.3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-1 U T-2 KWART TAS-SENA

19.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ippreżenta r-rapporti finanzjarji tal-ewwel u t-tieni kwart tas-sena.

19.3.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapporti tal-ewwel u t-tieni kwart tas-sena, issekondat mill-Kunsilliera JVP. Ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

## 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1. Is-Sindku ressaq proposta mingħand il-Kunvent tal-Kapuċċini biex isir poġġaman mar-rampa li hemm fid-daħla tal-knisja Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

19.4.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Sea Planes Association fejn talbu permess lill-Kunsill sabiex jorganizzaw attività fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V nhar l-4 t'Ottubru 2025. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

19.4.3. Is-Sindku ressaq talba biex terġa' tiġi organizzata l-attività bl-isem ta' *Spread the Love this Christmas* li d-dħul tagħha ser imur għall-YMCA Malta.

19.4.3.1. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li tali attivitajiet ikunu marbuta ma' Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina, sabiex din l-inizjattiva tkun tista' terġa' titqajjem.

19.4.3.2. Il-Kunsilliera SSH ippreponiet li dan jiġi organizzat permezz tal-fondi allokati mill-Kunsill Reġjonali Port Ċir 16/2025

19.4.3.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jorganizza din l-attività b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix elf ewro.

19.4.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward it-twaħħil ta' sinjali informattivi fuq l-użu tal-kannabis fi spazji pubbliċi. Il-Kunsill iddiskuta xi żoni fejn jistgħu jitwaħħlu dawn it-tabelli u qabel li għandu jipproponi dawn iż-żoni:

- Ġnien Sir Luigi Preziosi
- Iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
- Ġnien Preziosi
- Maġenb il-Floriana Nursery

19.4.5. Is-Sindku ressaq talba għal parkeġġ riservat fi Triq l-Imħażen. Wara li evalwa l-każ, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

19.4.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward il-fondi allokati mir-Reġjun Port. Huwa qal li l-idea kienet li l-kunċert ikun wieħed ta' mużika sagra u li jkun tribut għat-tenur Furjaniż Arthur Micallef. Huwa ippropona li l-kunċert isir lejliet l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna sabiex b'hekk jagħti bidu għall-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li jkun inkluż fil-programm tal-attività.

19.4.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra li talbu li ssir attività konġunta mal-Kunsill li tinvolvi ħarġa f'Għawdex. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li ma nqabiżx il-baġit allokat.

19.4.8. Is-Sindku għamel riferenza għall-proposta t'outdoor gym u talab lill-Viċi Sindku JAE sabiex jispjega f'iktar dettall.

19.4.8.1. Il-Viċi Sindku JAE spjega li meta tkellem ma' min kien involut, ma kienx hemm qbil li l-outdoor gym isir quddiem il-Floriana Nursery minħabba li l-post kien wieħed iffrekwentat mit-tfal u ż-żgħażagħ. Huwa kompla billi qal li għalhekk il-Kunsill kien ġie mitlub isib post alternattiv x'jipproponi.

19.4.8.2. Il-Kunsill iddiskuta diversi alternattivi li jistgħu ikunu adattati għall-installazjoni t'outdoor gym.

19.4.8.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproponi xi żoni alternattivi bħalma huma ħdejn il-MICAS u ħdejn il-Waterfront.

## 19.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

19.5.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba rigward it-talba tal-Kunsill tal-carrying capacity. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

19.5.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi risposta mill-Uffiċċju tal-President sabiex tiġi organizzata ħarġa għar-residenti. Is-SE qal li kien hemm risposta li ż-żjara kienet skedata għall-20 t'Ottubru 2025.

19.5.2.1. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill joffri bukkett fjuri lill-President.

19.5.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Classic Cars li talbu permess jorganizzaw attività fiż-żona tal-Biskuttin. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jittellgħu vetturi fuq il-paviment tal-Biskuttin u qabel li għandu jinformahom biex isibu alternattiva.

**<u>Nota: 14:50 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.</u>**
**<u>14:54 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

19.5.4. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-motorcycle bay li hemm fi Triq l-Imħażen u ipproponiet li jitwaħħlu bollards quddiem u wara l-ispazju minħabba li min jipparkja l-mutur qed isib diffikultà minħabba l-vetturi li jipparkjaw fuq l-ispazju tal-mutur. Il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal bollard tal-ħadid.

19.5.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-proposta li kienet ressqet għal siġra tal-Milied u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien tkellem mal-kuntrattur li jieħu ħsieb id-dawl tal-Milied u talbu kwotazzjoni.

19.5.5.1. Is-Sindku talba li tintalab ukoll kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied fil-loġoġ tan-naħa t'isfel. Il-Kunsill qabel.

19.5.6. Is-Sindku għamel riferenza għal korrispondenza mibgħuta mingħand il-Malta Classic Cars Club li esprimew ix-xewqa li jagħmlu wirja fiż-żona tal-Biskuttin.

19.5.6.1. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u filwaqt li qabel fil-prinċipju, ma qabilx li jitħallew jitilgħu karozzi direttament fuq il-pavimentar tal-Biskuttin. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li l-Kunsill qed jaqbel bil-kundizzjoni li l-pavimentar ikun protett totalment minn kwalunkwe ħsara li tista' ssir.

19.5.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-ispazju tal-mutur li hemm fi Triq l-Imħażen u ipproponiet li jsiru bollards fuq kull naħa tal-ispazju sabiex ma jintlaqtux il-muturi li jipparkjaw f'dan l-ispazju u biex il-karozzi ma jipparkjawx f'dan l-ispazju.

19.5.7.1. Wara li ddiskuta, il-maġġoranza tal-Kunsill qablet li jsiru l-bollards.

19.5.8. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-proposta li ressqet rigward is-siġra tal-Milied. Is-SE wieġeb li kien tkellem mal-kuntrattur tal-armar tal-Milied u nformah li għandu jippreżenta proposta sħiħa lill-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

19.5.8.1. Is-Sindku ippropona li tintalab kwotazzjoni biex jintramgħu ukoll il-loġoġ t'isfel bħalma kien isir fiż-żmien. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

19.5.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-container li hemm fiż-żona ta' taħt il-forka.

19.5.9.1. Is-Sindku qal li jinsab informat li dik iż-żona kienet ittieħdet minn persuna privata. Huwa qal li jekk dan hu minnu, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li dan il-container ifittex jitneħħa.

19.5.10. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-pots li hemm fi Triq Tony Zarb u qalet li hemm bżonn ta' manutenzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jieħu ħsieb jara li ssirilhom il-manutenzjoni neċessarja.

19.5.11. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-tarmak fit-toroq li hemm pendenti. Is-SE qal li kien bagħat tfakkira iżda s'issa kien għad m'hemmx risposta.

**Nota: 15:09 Il-Viċi Sindku JAE talab li jkun skużat.**

19.5.12. Il-Kunsilliera JVP qalet li kienet saret l-attività tal-Air Soft u qalet li kienu ipproponew li titnaddaf sew iż-żona li fiha kienet saret l-attività. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur tas-soft areas sabiex iż-żona titnaddaf.

19.5.13. Il-Kunsilliera JVP għamlet riferenza għal sprall perikoluż. Hija qalet li kienet tkellmet ma' diversi entitajiet dwar dan. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandħa terġa' tkellem mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**Nota: 15:09 Il-Viċi Sindku JAE reġa' irritorna għal-laqgħa.**

19.5.13.1. Is-SE qal li huwa importanti li jkun hemm bil-miktub li l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni tal-Awtorità għal dan il-periklu. Huwa issuġġerixxa li f'każ li r-risposta tkun li ma jistgħux jingħataw dettalji tas-sid tal-binja, allura l-Awtorità għandha tintalab li tavża lis-sid hi u li tipprovdi konferma lill-Kunsill li s-sid kien avżat.

19.5.14. Il-Kunsillier DC ippropona li jerġgħu jingħataw il-ħajja n-noticeboards li hemm madwar il-lokalità billi jerġgħu jibdew jintużaw. Huwa ippropona li jiġi installat dawl solari sabiex in-noticeboards ikunu mdawwlin b'mod xieraq.

19.5.14.1. Is-Sindku qal li jrid jissewwa in-noticeboard ta' ħdejn iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel.

19.5.14.2. Is-Sindku qal li kien hemm noticeboard ieħor fi Triq il-Konservatorju li kien tneħħa meta saret il-bankina.

19.5.14.3. Is-Sindku staqsa jekk kienitx ġiet ordnata t-tabella ta' Pjazza San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jordnahom.

## 19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

19.6.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kienet inżammet laqgħa tas-sottokumitat tar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali li matulha kienet ġiet diskussa il-possibilità li jkun hemm żjara f'Macerata.

19.6.1.1. Il-Kunsillier DC spjega li hu kien tkellem mal-Comune di Macerata li min-naħa tagħhom kienu talbu li jkun hemm konferma tan-numru ta' nies li se jattendu sa April.

19.6.1.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-abbozz tal-lista tad-dekasteri u qal li għandhom jitniżżlu s-sottokumitati f'din il-lista sabiex in-nies ikollhom għarfien fuq dan.

19.6.1.3. Ġie diskuss l-involviment tal-Kunsillier DC fis-sottokumitat tal-anzjani u kien hemm qbil li għalissa jibqa' fil-kariga eżistenti sakemm jinstab ħaddieħor.

**Nota: 15:19 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

## 19.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

19.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 15/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

19.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 19.8 ĠENNA TA' ĠONNA

19.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi informa li sa dakinhar il-Kunsill kien irċieva risposta mingħand il-Każin tal-Banda Vilhena b'mod konġunt mal-Kappella San Publju li kienu qed jipproponu li jkun hemm purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' San Publju akkumpanjata mill-banda, u li tittella' wkoll wirja.

19.8.2. Is-SE qal li kien hemm korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra li kienu ser jarmaw b'bandalori u li ser tinfetaħ il-kannirja.

19.8.3. Is-SE qal li kien hemm ukoll proposta mill-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta biex issir reċta komika live.

19.8.4. Is-SE ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jitkellmu mal-għaqdiet lokali sabiex jikkomunikaw mal-Kunsill.

**Nota: 15:25 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

19.8.5. Is-Sindku qal li kien informa li l-Fsobians Club kienu ser jagħmlu tribut lill-Sammy Galea u lil Sammy Murgo, żewġ mużiċisti rinominati. Huwa qal li t-tribut kien ser iġib l-isem ta' Ġenna Jazz.

19.8.6. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-iskema tal-isports events u qal li kien tkellem magħhom u kienu aċċettaw li d-deadline jiġi estiż għad-19 t'Ottubru 2025. Għalhekk il-fun run setgħet issir dakinhar ta' Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel.

19.8.6.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien avviċina lill-Grand Hotel Excelsior sabiex jagħtu daqqa t'id f'din l-attività.

19.8.7. Is-SE għamel riferenza għall-band għal matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jilqa' l-kwotazzjoni tal-band Bernie and Pod li tammonta għal €1850.

19.8.8. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġibjun u qal li wieħed għandu jassigura li jkun hemm it-tabelli neċessarji tas-sigurtà sabiex min jiddeċiedi li jinżel, ikun avżat.

19.8.9. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-backdrop li jintuża għal matul l-attività jinbidel għal wieħed iktar ġenerali sabiex ikun jista' jintuża minn sena għall-oħra. Il-Kunsill qabel.

19.8.9.1. Is-Sindku għamel riferenza għal backdrop li kien intuża matul il-Floriana Fest. Il-Kunsillier DC qal li għandu jiċċekkja fuq dan.

## 19.9 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

19.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi staqsa dwar l-iskema tal-attivitajiet tal-Milied.

19.9.2. Is-SE qal li kien tkellem mal-kunsillier DC biex jibdew joħorġu bi proposti għal x'attivitajiet jistgħu jittellgħu.

## 19.10 ATTIVITAJIET FI PJAZZA SAN PUBLJU

19.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-attivitajiet li jiġu organizzati fi Pjazza San Publju kienu jinvolvu ħafna taħbit u kienu qed joħolqu ħafna inkonvenjenti li kultant wieħed jistaqsi jekk hux val la pena li jkompli jinħareġ il-permess għal ċertu attivitajiet.

19.10.2. Is-Sindku għamel riferenza għal Malta International Food Festival u qal li dan il-festival kien ġab diversi problemi bħal armar kmieni minn żmien twil qabel l-attività, tbajja fl-art u kien hemm sfidi anke fil-mod kif sar l-armar fost affarijiet oħrajn.

19.10.2.1. Għalhekk huwa ressaq mozzjoni biex ma jerġax jinħareġ permess għall-edizzjoni li jmiss ta' din l-attività. Il-Viċi Sindku JAE issekonda din il-mozzjoni. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (NH, JAE, JVP, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

19.10.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet qed tastjeni għax tħoss li l-Kunsill għandu l-ewwel jitkellem mal-organizzatur.

19.10.4. Is-Sindku NH għamel riferenza għad-diffikultajiet li lil-Kunsill kien qed jesperjenza fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-attivitajiet.

19.10.4.1. Is-Sindku kompla billi ressaq mozzjoni biex ma jinħareġ l-ebda permess għall-ebda attività fejn potenzjalment ikun hemm għeluq ta' toroq qabel ma jkun hemm qbil mal-Kunsill fuq il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera JVP. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

19.10.4.2. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-preżenza t'uffiċjal tas-sigurtà fl-entratura tal-Parkeġġ Pubbliku fi Triq Vincenzo Dimech li għandu jkun preżenti waqt kwalunkwe attività u li jiġi mħallas mill-organizzaturi tal-attività.

19.10.5. Is-Sindku għamel riferenza għal inċident riċenti fejn kienet qed issir ħsara lill-Fosos. Għalhekk huwa kompla billi ippropona li l-Kunsill jibda' jitlob garanzija separata minn dik mitluba mill-Pulizija biex tkun tista' tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara li ssir. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

19.10.5.1. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob reviżjoni tal-ftehim sabiex il-garanzija bankarja tibda' tmur għand il-Kunsill u mhux għand il-Pulizija.

19.10.6. Is-Sindku għamel riferenza għar-remedial action. Is-SE qal li l-RPD kienu bagħtu r-rapport.

19.10.7. Is-Sindku qal li kellu rapport li kien hemm trakk bi krejn fuq il-Fosos. Huwa qal li kien irrapporta lill-entitajiet.

19.10.7.1. Il-Kunsillier DC qal li fil-każ tiegħu kien ġie mitlub jibgħat ritratti ħalli tkun tista' tinħareġ kontravvenzjoni.

19.10.8. Is-Sindku talab lis-SE biex jitlob lill-ħaddiema tal-manutenzjoni sabiex jagħlqu l-grada tal-Fosos.

## 19.11 UN/LOADING BAY FI TRIQ SANT'ANNA

19.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ippropona li titneħħa l-un/loading bay li hemm fi Triq Sant'Anna minħabba li ħafna mill-ħwienet kienu għalqu u għalhekk ma kienx għad hemm bżonnha.

19.11.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika mal-ħanut li fadal fi Triq Sant'Anna u f'każ li dan jikkonferma li m'għadx għandu bżonnha, allura l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li din titneħħa.

## 19.12 LATRINA FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

19.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien ser jipproponi li l-latrini taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jibdew jingħalqu meta l-gabbana ma tkunx miftuħa. Dan minħabba l-ammont ta' vandaliżmu li qed ikun hemm fuq dawn il-latrini pubbliċi.

19.12.2. Is-SE qal li kien ġie ikkuntattjat mill-operatur tal-gabbana wkoll dwar din is-sitwazzjoni.

19.12.3. Is-SE informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien informah li l-parts li kienu nieqsa kienu waslu u għalhekk setgħu jiġu installati.

19.12.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-latrini għandhom jibqgħu miftuħin imma għandhom jitnaqqsu l-ħinijiet tal-ftuħ.

**Nota: 16:21 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

## 19.13 IL-KRIŻI DEMOGRAFIKA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-FLORIANA

19.13.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi qal li kienet ser tinżamm laqgħa fejn ser tiġi diskussa l-kriżi preżenti u d-dokument li ġie preżentat.

19.13.2. Huwa kompla billi qal li l-NSO kienu ħarġu statistika b'rabta mal-popolazzjoni. Huwa qal li kien qed jagħmel analiżi ta' din l-istatistika u ser jieħu ħsieb li jippreżenta r-riżultati quddiem il-Kunsill iktar 'il quddiem.

## 19.14 MONITORAĠĠ INTERN TA' KAMERAS TAS-CCTV

19.14.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi qal li matul iż-żjara f'Macerata kien żar il-Korp tal-Pulizija t'hemmhekk fejn urewh il-faċilitajiet ta' moniteraġġ li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

**Nota: 16:23 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.**

19.14.2. Is-SE qal li kien ġie t-technician tas-servizz tal-komunikazzjoni li kien ħa ħsieb li jdaħħal is-servizz hekk kif kien maqbul fil-laqgħa li għaddiet. Huwa qal li kien informa lill-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb iqabbad is-sistema mal-LESA biex il-kameras ikunu jistgħu jibdew jiġu sorveljati aħjar.

19.14.3. Is-SE qal li ladarba dawn il-kameras ikunu mqabbdin mal-LESA wieħed jittama li jkun hemm iktar sorveljanza u għalhekk meta jkun hemm xi inċident wieħed ikun jista' jirrapporta ħalli tittieħed azzjoni immedjata biex l-individwu jiġi mħarrek.

19.14.4. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-isfidi relatati mal-indafa li jiffaċċja ta' kuljum. Is-Sindku għamel riferenza għas-servizz ta' green wardens. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jitlob kwotazzjoni.

## 19.15 Piċċ tal-boċċi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

19.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal lill-Kunsill li kien hemm oġġezzjoni għat-tqegħid taċ-ċangatura li twaħħal. Għalhekk ġew mitluba biex ix-xogħol jieqaf u li x-xogħol li sar jiġi sanzjonat.

19.15.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm żvilupp fuq id-dawl ta' Ġnien Preziosi. Is-SE qal li s-survey kien sar u li kien talab BOQ bir-rati sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-iskema.

19.15.3. Is-Sindku NH staqsa jekk l-electrician kienx ġie jagħmel is-survey. Is-SE qal li s-survey kien għadu ma sarx u kien qed jistenna lill-electrician sabiex jikkonfermalu l-ġurnata meta ser jiġi.

## 19.16 Niċċa tal-Madonna ta' Lourdes f'Balzunetta

19.16.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għan-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes f'Balzunetta.

19.16.2. Huwa qal li l-Kunsill kellu jirċievi korrispondenza rigward din in-niċċa iżda jidher li sa dakinhar kienet għadha ma waslitx.

## 19.17 Il-proġett ta' Triq Sant'Anna minn Project Green

19.17.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-proġett ta' Triq Sant'Anna u qal li sa dakinhar il-Kunsill kien għadu mhux informat x'tip ta' dawl kien ser jiġi installat.

19.17.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu jitlob li jsiru żewġ tipi ta' dawl, kemm l-uplighters u kemm dawl festiv, u dan biex it-triq tinxtegħel b'mod differenti skont iż-żmien u l-okkażjoni. Huwa ippropona li l-Kunsill jibgħat il-proposta tiegħu bil-miktub.

19.17.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jitlob li jsir dawl festiv ġdid.

## 19.18 Il-monti tal-Ħadd fil-Floriana

19.18.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kienet inqalgħet problema fir-rigward tal-monti tal-Ħadd.

19.18.2. Is-Sindku qal li għandu jindaga jekk il-Kunsill għadx għandu responsabbiltà fuq il-monti tal-Ħadd u f'dak il-każ għandu jara kif se jimxi fuq l-applikanti prospettivi ġodda li jesprimu x-xewqa li jarmaw.

## 19.19 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

19.19.1. Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 t' Ottubru 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |